PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9327 — YZJ Group/Mitsui E&S Group/Mitsui & CO Group/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 196/10)

1. Fit-3 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsui E&S Shipbuilding Co., Ltd (il-Ġappun) u Mitsui E&S Co., Ltd (iċ-Ċina) li jappartjenu għall-Mitsui E&S Group ("il-Grupp MES"),

— Mitsui & Co., Ltd (il-Ġappun) li tappartjeni għall-Mitsui & Co. Group ("il-Mitsui & Co. Group"),

— Jiangsu Yangzijiang Shipbuilding Co., Ltd (iċ-Ċina), li tappartjeni għall-Grupp YZJ ("il-Grupp YZJ"),

— Jiangsu Yangzi-Mitsui Shipbuilding Co., Ltd (iċ-Ċina) ("il-JV").

Il-Grupp MES, il-Mitsui & Co. Group u l-Grupp YZJ jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— il-Grupp MES: attiv fil-manifattura ta' bastimenti, bħal bastimenti navali, bastimenti tat-tagħbija bl-ingrossa, tankers u trasportaturi tal-LNG, kif ukoll fl-għoti ta' servizzi ta' inġinerija u ta' konsulenza. Il-Grupp MES huwa wkoll involut fil-bejgħ bl-ingrossa, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' bastimenti u tagħmir tal-baħar;

— il-Mitsui & Co. Group: il-provvista mad-dinja kollha ta' loġistika u finanzjament ta' żviluppi maġġuri ta' infrastruttura internazzjonali f'oqsma, bħal pereżempju ħadid, azzar, riżorsi minerali u metalli, u sistemi ta' trasportazzjoni;

— il-Grupp YZJ: attiv fil-manifatturar ta' vapuri kummerċjali, inklużi vapuri tal-containers, bastimenti kbar u bastimenti speċjali, kif ukoll fl-investiment finanzjarju u l-kummerċ tal-metall;

— il-JV: li se tkun attiva fil-bini ta' bastimenti merkantili, b'mod partikolari, bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa, tankers taż-żejt u trasportaturi tal-LNG, għas-swieq Ċiniżi u madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9327 — YZJ Group/Mitsui E&S Group/Mitsui & CO Group/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË